CITTA' NOTABILE

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Mdina

## IS- SEBA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 48

L- Erbgħa, 15 ta' Frar 2017

Il-Kunsilli Lokali Mdina ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Corte Capitanale, Misrah il-Kunsill, Mdina fi 3pm.

**PREŻENTI:**

Peter Sant Manduca – Sindku
Joseph Debono– Viċi Sindku
Mary Ann Sultana- Kunsilliera
Alfred Barbaro Sant- Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Camille Scerri - Kunsilliera

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Mark Mallia – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Peter Sant Manduca ippresjeda l-laqgħa.

**48.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

48.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta u qara l-ittra ta' apoloġija ta' Camille Scerri u l-membri preżenti unanimament aċċettaw l-apoloġija.

**48.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

48.2.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqegħdu l-minuti tas- Sitta u Erbgħin laqgħa. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

48.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Il-minuti kienu approvati unanimament. Is-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-minuti biex juru li huwa dokument korrett.

**48.3 Co-option ta' Kunsillier**

48.3.1 Minhabba r-rizenja tas- Sinjura Jane Attard mil-Kunsill, u minhabba li fl-elezzjoni tal-Kunsill ma kienx hemm aktar kontestanti li setghu jiehdu post Jane Attard, dahal item fuq l-Agenda sabiex jigi ko-optjat membru gdid fil-Kunsill. Dan fid-dawl ta' dak li tghid il-ligi, specjalment Artiklu 8.4 li jitkellem li l-membru maghzul ghandu jirrifletti l-opinjoni Politika tal- Kunsillier li rrizenja .

48.3.2 Is- Sindku sekondat mill- Viċi Sindku innominaw lil Alfred Barbaro Sant sabiex jigi koptjat. Kien hemm qbil unanimu u Alfred Barbaro Sant li kien prezenti fis-Sala accetta din in-nomina.

**48.4 Komunikazzjoni mis-Sindku**

48.4.1 Is- Sindku ressaq talba mingħand l-Arċikonfraternita ta' San Guzepp biex tintuza l-area tat-Tomba biex jittella' xi logħob tan-nar nhar il-Festa ta' San Guzepp nhar it-18 u 19 ta' Marzu 2017. Il-Kunsill talab lis- SE biex jagħmel appuntament mas-Soċjeta biex jiġi diskuss din it-talba.

48.4.2 Is- Sindku ressaq talba mingħand il-Valletta Grand Prix Foundation biex għal din is-sena tittella' ġewwa l-Imdina it-tellieqa klassika tal-korozzi f'Ottubru li ġej. Il-Kunsill talab lis- SE biex jagħmel appuntament mal-fundazzjoni biex jiġi diskuss din it- talba.

48.4.3 Is- Sindku ressaq proposta mingħand l-Ambaxxatur ta' l-Irlanda biex nhar is- 17 ta' Marzu 2017 li fiha jiġi kkomemorat St. Patricks Day, is-swar ta' l-Mdina għal din l-okkazjoni jinxtegħlu ħodor. Il-Kunsill ma jsib ebda oġġezzjoni pero' irid jkun hemm l-approvazzjoni mill-Ministeru għat-Trasport u Infrastruttura.

48.4.4 Is- Sindku ressaq talba mingħand l-Assoċċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali fejn qed jipproponu li bħala Kunsill nidħlu fi ftiehem għal manutenzjoni tal-playing field b'kundizjonijiet vantaġġuzi. Il-Kunsill ma jsib ebda oġġezzjoni jekk kemm il-darba jkun jaqbel lilu li jsir dan.

48.4.5 Is- Sindku nfurma lill-Kunsill li fl-25 ta' Frar 2017 ser ikun hemm seminar mtella mid- DLG li jagħmel parti minn sensiela ta' laqgħat mal-Kumitati Reġjonali u l-Kunsilli Lokali.

**48.5 Tweġibiet għall- Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

48.5.1 Il-Viċi Sindku ilmenta li fl-aħħar ġimgħa nnota li l-knis mhux qed isir bħas-soltu għal xi raġuni jew oħra. Huwa talab biex tittieħed azzjoni u jiġi mgħarraf il-kuntrattur b'dan in-nuqqas. Is- SE ser ikellem lil kuntrattur biex jara ezattament x'ġara.

48.5.2 Il-Kunsilliera Maryann Sultana staqsiet f'liema stadju waslu r-railings tat-Tomba u meta ser jitkomplew.

Is- Sindku wieġeb li r-Restoration Unit ser joħroġ tender b'kollaborazjoni mal- Malta Tourism Authority fil-ġimgħat li ġejjin.

48.5.3 Il-Viċi Sindku talab biex jiġu nfurmati l- Valletta Rehabilitation Unit fi ħdan il- Ministeru tat-Trasport u Infrastruttura biex jkun hemm aktar kontrol fuq il-vandalizmu li qed isir dan l-aħħar fil-Foss ta' L-Imdina kif ukoll il-manutenzjoni tiegħu li dan l-aħħar jidher li mhux isir speċjalment fil-lift tal-foss..

48.5.4. Il-Viċi Sindku talab li hemm bzonn isir xi ħaga fuq il-kontrol ta' ammont ta' karozzini li jarmaw taħt it-tinda għaliex it-tabella li turi tnax (12) il-karozzin biss, tidher li mhux qed tiġi rispettata u qed ikun hemm izjed minn tnax il-kuċċiera.

Is- Sindku wieġeb li kif jaf kulħadd kemm il-darba saru laqgħat ma' Transport Malta imma peress li ma hemx liġi li tirregola l-ammont ta' kuċċiera li jkun hemm f'daqqa, ma tantx jistgħu isiru affarijiet. Għalhekk huwa qed jissuġerixxi li bħala Kunsill għandna inkellmu lil avukat tal-kunsill biex nieħdu parir jekk tistax issir Bye Law f'dan ir-rigward. Il-Kunsill approva.

**48.6 Approvazzjoni tar- Rapport Finanzjarju għas-sena 2016**

48.6.1 Ir- rapport tas- Sena Finanjarja tal-Kunsill 2016 tqiegħed fuq il-mejda tal-Kunsill (mehmuz). Kopja ngħatat lill kull kunsillier qabel il-laqgħa. Prezenti għal din il-laqgħa .kien hawn l-accountant tal-Kunsill li ta rendikont tal-qagħda finanzjarja u wieġeb xi mistoqsijiet tal-kunsilliera

48.6.2 Ir- Rapport Finanjarju 2016, kif kien propost għall-approvazzjoni mis-Sindku, ġie approvat unanimament

**48.7 Ilmenti u *items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill**

48.7.1 Ma kien hemm ebda ilmenti oħra jew items oħra ta' xogħol.

**48.8 Kunsiderazzjoni u l-Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

48.8.1 Fuq il-Mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta’ ħlasijiet li ġġib iddata tal-15 ta’ Frar 2017 (mehmuża) li tammonta għas-somma ta’ € 25,012.38.

48.8.2 L-iskeda ta’ ħlasijiet kienet proposta għall-approvazzjoni mill- Kunsilliera Maryann Sultana li kien issekondat mill-Viċi Sindku. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet. L-iskeda ta’ ħlasijet ġiet iffirmata miz- żewġ kunsilliera biex juru li hija dokument korrett.

**48.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas- Seduta li jmiss**

48.9.1 Wara li ma kienx hemm affarijiet oħra, l-laqgħa ġiet aġġornata għal 15 ta’ Marzu 2017 fit-3pm

____IFFIRMATA_______
Peter Sant Manduca
Sindku

_____IFFIRMATA_______
Mark Mallia
Segretarju Ezekuttiv

Data: 15-03-2017_______